MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 98/2021 LM

**United Campus of Malta Higher Institution Foundation (Liċenzja numru 2015-011) u UCM Limited (C 70364)**
*('l-appellanti')*

***vs*.**

**Malta Further and Higher Education Authority**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul fl-24 ta' Settembru, 2021 minn **United Campus of Malta Higher Institution Foundation (Liċenzja numru 2015-011)** u **UCM Limited (C 70364)** [minn issa 'l quddiem rispettivament 'il-Fondazzjoni appellanta' u 'is-soċjetà appellanta' u flimkien 'l-appellanti'] mid-deċiżjoni ta'

**Malta Further & Higher Education Authority** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellata'], li m'għandhiex data[1], li permezz tagħha ddeċidiet li tirrevoka l-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta li ġġib in-numru 2015-011.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw diversi allegati nuqqasijiet min-naħa tal-Fondazzjoni appellanta fl-operat tagħha taħt il-liċenzja msemmija, li kienet ingħatat lilha mill-Awtorità appellata, u li permezz tagħha hija setgħet tipprovdi programmi akkreditati mil-livell MQF 5 sal-livell MQF 7. Skont kif jitolbu d-dispożizzjonijiet tas-subregolament 38(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 607.03, il-Fondazzjoni appellanta ġiet soġġetta għal eżerċizzju ta' verifika min-naħa tal-Awtorità appellata, hekk kif kienet ilha ħames snin topera taħt il-liċenzja in kwistjoni. Il-proċess beda fit-8 ta' Mejju, 2020, u bejn l-4 u s-6 ta' Mejju, 2021, sar *spot check* mill-*panel* tal-esperti li kien ġie maħtur mill-Awtorità appellata għall-fini tal-eżerċizzju ta' verifika. Hekk kif tħejja r-rapport tal-*panel,* dan għadda għand il-Kumitat ta' Assigurazzjoni fil-Kwalità [il-'*Quality Assurance Committee'*] fi ħdan l-Awtorità għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, għall-evalwazzjoni tiegħu. Iżda sadanittant fil-25 ta' Ġunju, 2021, ir-rapport ġie ppreżentat ukoll lill-Fondazzjoni appellanta sabiex din tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-kontenut tiegħu. Il-Kumitat iddiskuta l-imsemmi rapport, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-Fondazzjoni appellanta fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Lulju, 2021, u dakinhar ġie deċiż li fid-dawl tar-rapport tal-*panel,* għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Bord tal-Awtorità appellata għar-revoka tal-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta. Waqt il-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Lulju, 2021, l-imsemmi

[1] Dok. UCM 04, *a fol.* 59 tal-proċess.

Bord iddeċieda b'mod unanimu li għandu jaċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat, u b'hekk ġie deċiż li l-liċenzja msemmija għandha tiġi revokata, kif fil-fatt sar u ġie kkomunikat lill-Fondazzjoni appellanta.

**Mertu**

3. L-appellanti kkontestaw id-deċiżjoni tal-Awtorità appellata permezz ta' rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-24 ta' Settembru, 2021, fejn talbu sabiex:

> *"...jogħġbu jirrevoka jħassar u jikkanċella d-deċiżjoni tal-awtorità appellata li tirrevoka l-liċenzja numru 2015-11 u tirripristina il-validità ta' tali liċenzja biex l-appellanti jkomplu joperaw skont l-istess liċenzja.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-appellata."*

4. L-Awtorità appellata wieġbet fl-24 ta' Ottubru, 2021, fejn *ai termini* tal-para. (e) tas-subartikolu 15(6) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, talbet lit-Tribunal sabiex jogħġbu jiċħad l-appell, u jikkonferma d-deċiżjoni tagħha għar-revoka tal-liċenzja in kwistjoni.

**Is-sentenza preliminari u d-digriet tat-Tribunal**

5. It-Tribunal permezz tas-sentenza preliminari tiegħu tal-11 ta' Novembru, 2021, iddikjara ruħu mhux kompetenti sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-appellanti, filwaqt li ddeċieda li l-ispejjeż kellhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u b'hekk ta digriet kamerali fejn ordna li l-atti kellhom jintbagħtu lir-Reġistratur sabiex dawn jiġu trasferiti quddiem din il-Qorti sabiex tieħu

konjizzjoni tagħhom. Fid-19 ta' Novembru, 2021, il-Qorti appuntat ir-rikors tal-appellanti għas-smigħ għas-seduta tas-17 ta' Diċembru, 2021.

**Provi**

6. Flimkien mar-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti ppreżentaw dawn id-dokumenti: (a) kopja tal-liċenzja in kwistjoni valida bejn Jannar 2016 u l-31 ta' Lulju, 2021[2]; (b) kopja ta' dokument intestat '*Quality education for confident futures'*[3]; (ċ) kopja ta' *email* tat-28 ta' Lulju, 2021, mibgħuta minn Dott. Rose Anne Cuschieri, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità appellata, lill-Avukat Luciano Busuttil[4]; (d) kopja ta' ittra bla data ffirmata minn Dott. Rose Anne Cuschieri fil-kwalità suriferita, fejn għarrfet lill-Fondazzjoni appellanta bid-deċiżjoni tal-Bord li jirrevoka l-liċenzja tagħha numru 2015-011[5]; (e) kopja ta' *email* mingħand l-Avukat Dennis Zammit lill-Avukat Luciano Busuttil tat-13 ta' Awwissu, 2021[6]; u (f) kopja tal-minuti tal-laqgħa li saret fis-6 ta' Mejju, 2021, mill-Kumitat mal-Fondazzjoni appellanta.[7]

7. Flimkien mat-tweġiba tagħha, l-Awtorità appellata ppreżentat is-segwenti: (a) kopja ta' *email* mibgħuta fil-25 ta' Ġunju, 2021, minn Fiona Mccowan bħala uffiċjal tal-Awtorità appellata lil Dott. Fausto Gennuso u lil Martin Borg tal-Fondazzjoni appellanta[8]; (b) kopja ta' skambju ta' *emails* bejn Fiona Mccowan u Martin Borg[9]; (ċ) kopja ta' ittra tad-9 ta' Awwissu, 2021, mibgħuta minn Dott.

[2] 'UCM 01' *a fol.* 7 tal-atti tat-Tribunal.
[3] 'UCM 02' *a fol.* 8 tal-atti tat-Tribunal.
[4] 'UCM 03' *a fol.* 58 tal-atti tat-Tribunal.
[5] 'UCM 04' *a fol.* 59 tal-atti tat-Tribunal.
[6] 'UCM 05' *a fol.* 60 tal-atti tat-Tribunal.
[7] 'UCM 06' *a fol.* 61 tal-atti tat-Tribunal.
[8] 'DOK MFM 1' *a fol.* 76 tal-atti tat-Tribunal.
[9] 'DOK MFM 2' *a fol.* 77 *et seq.* tal-atti tat-Tribunal.

Rose Anne Cuschieri, fil-kwalità tagħha suriferita, lil Salvatore Tirone tal-Fondazzjoni appellanta[10]; (d) kopja ta' *curriculum vitae* ta' Dott. Achim Hopbach, Wilbert Tabone u Angelique Grech[11]; (e) *time-line* ta' kif seħħew l-affarijiet bejn il-ħruġ tal-liċenzja in kwistjoni sad-data tal-eżerċizzju ta' verifika[12]; (f) kopja ta' ittra tal-21 ta' Frar, 2020 ta' Dott. Rose Anne Cuschieri, fil-kwalità tagħha suriferita ndirizzata lil Dott. Fausto Gennuso tal-Fondazzjoni appellanta[13]; (ġ) *screenshot* mis-sit elettroniku tal-Fondazzjoni appellanta[14]; (g) kopja ta' ittra legali mibgħuta għan-nom tal-Awtorità appellata lill-Fondazzjoni appellanta fit-18 ta' Jannar, 2021[15]; (għ) kopja ta' skambju ta' *emails*[16]; (ħ) kopja ta' skambju ta' *emails*[17];(h) kopja ta' estratt minn dokument intestat *'Annex 8; Judgement Criteria'*[18]; u (i) kopja ta' *email* li bagħtet Fiona Mccowan lil Fausto Gennuso u Martin Borg fil-25 ta' Ġunju, 2021.[19]

8. Permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' April, 2022, l-Awtorità appellata ppreżentat l-affidavits rispettivi ta' Godfrey Vella, Dott. Rose Anne Cuschieri, Lawrence Azzopardi, Sibby Xuereb, Graziella Caruana, Dr. Louise Ann Sammut, Dr. Kenneth Vella, u l-Imħallef Emeritu Noel Cuschieri.

9. Fl-affidavit tiegħu **Godfrey Vella** spjega li huwa kien għamel żmien minn Lulju 2016 sa April 2020, fejn kien jokkupa l-kariga ta' *Chairman* tal-Bord ta' *'The National Commission for Further and Higher Education'*, illum l-Awtorità

---

[10] 'DOK MFM 3' *a fol.* 85 tal-atti tat-Tribunal.
[11] 'DOK MFM 4' *a fol.* 86 tal-atti tat-Tribunal.
[12] 'DOK MFM 5' *a fol.* 115 tal-atti tat-Tribunal.
[13] 'DOK MFM 6' *a fol.* 119 tal-atti tat-Tribunal.
[14] 'DOK MFM 7' *a fol.* 131 tal-atti tat-Tribunal.
[15] 'DOK MFM 8' *a fol.* 132 tal-atti tat-Tribunal.
[16] 'DOK MFM 9' *a fol.* 134 tal-atti tat-Tribunal.
[17] 'DOK MFM 10' *a fol.* 146 tal-atti tat-Tribunal.
[18] 'DOK MFM 11' *a fol.* 154 tal-atti tat-Tribunal.
[19] 'DOK MFM 1' *a fol.* 157 tal-atti tat-Tribunal.

appellata. Ikkonferma li kien hu fl-imsemmija kariga li bagħat l-ittra tas-16 ta' Ottubru, 2019 lill-Fondazzjoni appellanta, u dan wara li kien hemm diversi deliberazzjonijiet, diskussjonijiet u laqgħat f'livelli differenti fi ħdan l-imsemmija Awtorità appellata. Spjega li l-Fondazzjoni appellanta kienet għal tul ta' żmien ikkunsidrata li kissret il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tagħha, u kundizzjonijiet oħra li taħthom wieħed ikun awtorizzat li jmexxi stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla f'Malta. Il-kwistjoni kienet l-ewwel ġiet ikkunsidrata mill-*Quality Assurance Committee*, fejn iċ-Chairman tal-Kumitat Dr. Kenneth Vella kien ressaq talba quddiemu fid-9 ta' Settembru, 2019, sabiex tiġi revokata l-liċenzja in kwistjoni. Kopja ta' din l-ittra ġiet annessa mix-xhud mal-affidavit tiegħu.[20] Qal li din l-ittra kienet sussegwentement għaddiet għand il-membri tal-Bord qabel il-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Settembru, 2019, fejn ġie deċiż li kellha tintbagħat ittra lill-Fondazzjoni appellanta fejn tiġi mgħarrfa bl-intenzjoni tar-revoka tal-liċenzja tagħha.

10. Fl-affidavit tagħha, ix-xhud **Dott. Rose Anne Cuschieri** spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv fi ħdan l-Awtorità appellata. Qalet li din il-kariga hija kienet ilha tokkupaha sa mill-1 ta' Ottubru, 2018. Ikkonfermat li kienet hi li kitbet id-dokument mmarkat 'Dok MFH 3' bid-data tad-9 ta' Awwissu, 2021, u anki dak immarkat 'Dok MFH 6' datat 21 ta' Frar, 2021, wara d-diversi nuqqasijiet min-naħa tal-Fondazzjoni appellanta li kienu ġew ikkonstatati. Spjegat li dawn kienu ntbagħtu wara diversi twissijiet bil-miktub li kien bagħat il-predeċessur tagħha u l-Avukat tal-Awtorità appellata.

[20] *A fol.* 12.

11. Fl-affidavit tiegħu, ix-xhud **Lawrence Azzopardi** qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Kap tal-Liċenzjar, Akkreditar u Assigurazzjoni tal-Kwalità fi ħdan l-Awtorità appellata, u li huwa kien ilu f'dik il-kariga mis-6 ta' Diċembru, 2019. Ikkonferma li kien huwa li ħejja d-dokument immarkat 'Dok. MFH 5' u kkonferma wkoll li wħud mill-fatti kienu kif jirriżultaw mill-*files* tal-Awtorità appellata, u oħrajn skont kif kien jafhom u esperjenzahom huwa stess.

12. Fl-affidavit tagħha, ix-xhud **Sibby Xuereb** irrilevat li hija tokkupa l-kariga ta' *Quality Assurance Officer* fi ħdan l-Awtorità appellata. Qalet li fil-5 ta' Settembru, 2019, hija u xi uffiċjali oħra mill-Awtorità appellata kienu marru fuq *spot check* fl-indirizz Panta Ltd, Valley Road, l-Imsida, MSD 9024, li kien l-indirizz uffiċjali minn fejn kellha topera l-Fondazzjoni appellanta. Iżda f'dan l-indirizz sabu biss fond fi stat ta' kostruzzjoni u xogħol ieħor, mingħajr sinjal ta' attività edukattiva, u dan fejn skont korrispondenza mingħand l-imsemmija Fondazzjoni appellanta, il-fond kellu jkun operattiv mill-4 ta' Settembru, 2019. Il-ħaddiema kkonfermaw magħhom li x-xogħol kien intiż sabiex isiru diversi klassijiet, iżda huma ma kellhom l-ebda data sa meta kellu jitlesta x-xogħol. Ix-xhud qalet li wara li kien għadda xi ħin, wasal fuq il-post Prof. Sacco u sussegwentement Ray Bezzina, li t-tnejn kienu jaħdmu mal-Fondazzjoni appellanta. Huma kienu dawruhom mal-fond, u spjegaw x'kienu l-pjanijiet tal-Fondazzjoni appellanta, li qalu kienet diġà topera f'erba' pajjiżi oħra. Qalet li xi ftit jiem wara, Dott. Fausto Gennuso u s-Sinjura Di Martino kienu żaru l-uffiċini tal-Awtorità appellata, fejn huma ntalbu sabiex jippreżentaw dokumentazzjoni li kienet evidenza tal-fatt li kienu liċenzjati sabiex joperaw fil-pajjiżi l-oħra li semmew.

13. Fl-affidavit tagħha, ix-xhud **Graziella Caruana** xehdet li llum hija tokkupa l-kariga ta' *Manager* fil-Liċenzjar u Aċċestazzjoni fi ħdan l-Awtorità appellata. Qalet li fil-5 ta' Settembru, 2019, meta hija kellha l-kariga ta' *Officer,* kienet marret flimkien ma' xi uffiċjali oħra tal-Awtorità appellata fuq *spot check* fl-indirizz Panta Ltd., Valley Road, l-Imsida MSD 9024, li kien l-indirizz tal-Fondazzjoni appellata. Hemmhekk ma sabu lil ħadd mir-rappreżentanti tagħha, u saħansitra ħadd ma kien jaf xejn dwarha, iżda wara xi ħin kien tfaċċa l-Profs. Sacco li dak iż-żmien kien jaħdem mal-Fondazzjoni appellata. Il-Kap tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' dak iż-żmien kien staqsih kif ix-xogħol kien għadu għaddej, u huwa kien wieġeb li l-istudenti kienu ser jibdew lejn l-aħħar ta' Ottubru. Huwa dawwarhom mal-fond, u spjegalhom x'kienu l-pjanijiet, fosthom li l-Fondazzjoni appellanta tipprovdi programm li kien B.Sc. (Hons.) fil-fiżjoterapija. Imbagħad huwa ħadhom f'sezzjoni oħra tal-fond li ma kinitx taħt kostruzzjoni, u li kienet tidher li kienet intiża bħala uffiċċju. Il-Prof. Sacco qalilhom li huwa ma kienx ilu jaħdem mal-Fondazzjoni appellanta, u għalhekk ma kellux wisq informazzjoni x'jipprovdi. Huwa qalilhom ukoll li din kienet topera minn pajjiżi oħra bħal Spanja, Franza u l-Portugall, u l-istudenti kienu jżuru Malta darba biss sabiex jagħmlu l-eżami finali fir-raba' sena tagħhom. Ix-xhud qalet li wara li għaddew xi jiem, kienu marru diversi uffiċjali mill-Fondazzjoni appellanta l-uffiċini tal-Awtorità appellata, fosthom Dott. Fausto Gennuso u s-Sinjura Di Martino, fejn saret laqgħa magħhom u ġew mistoqsija jagħtu aktar informazzjoni, partikolarment il-prova li l-Fondazzjoni appellanta kellha liċenzja sabiex topera fil-pajjiżi l-oħra.

14. Fl-affidavit tagħha, ix-xhud **Dr. Louise Anne Sammut** stqarret li fil-passat hija kienet okkupat il-kariga ta' avukat fi ħdan l-Awtorità appellata. Spjegat li fl-

14 ta' Jannar, 2020, hija kienet kitbet ittra f'isem il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità appellata ndirizzata lir-rappreżentant tal-Fondazzjoni appellanta Dott. Fausto Gennuso. Qalet li din kienet waħda minn sensiela ta' korrispondenza bejniethom, wara li l-Awtorità appellata kienet saret taf li l-Fondazzjoni appellanta kienet daħlet fi ftehim mal-European School of Management (ESM), mingħajr ma kienet infurmatha u ħadet id-debita awtorizzazzjoni mingħandha. Ix-xhud spjegat li l-Fondazzjoni appellanta kienet diġà ġiet mgħarrfa li minħabba ksur tar-regolamenti, hija setgħet titlef il-liċenzja tagħha, u għalhekk l-imsemmi nuqqas kien qiegħed iservi sabiex jagħmel aktar perikolanti ċ-ċirkostanzi tagħha.

15. Fl-affidavit tiegħu, ix-xhud **Dott. Kenneth Vella** stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' *Chairperson* tal-Kumitat tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità fi ħdan l-Awtorità għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, u fi żmien il-kwistjoni odjerna kienet tikkostitwixxi in-*National Commission for Further and Higher Education* [l-NCFHE]. Irrileva li huwa kien ilu f'din il-kariga mil-24 ta' Lulju, 2019. Irrileva li fil-laqgħa tal-Kumitat tal-24 ta' Lulju, 2019, kienet ġiet diskussa l-Fondazzjoni appellanta minħabba d-diversi nuqqasijiet serji li din kienet uriet b'mod persistenti sa minn meta ngħatat il-liċenzja tagħha f'Jannar 2016. Dakinhar qal li kienet ittieħdet id-deċiżjoni sabiex tiġi revokata l-imsemmija liċenzja, u d-deċiżjoni kienet ġiet ikkonfermata f'laqgħa oħra f'Awwissu 2019. Kien għalhekk li x-xhud fid-9 ta' Settembru, 2019 kien kiteb lil Godfrey Vella, *Chairman* tal-Awtorità appellata sabiex jinfurmah b'dan kollu, u bir-rakkomandazzjoni sabiex tiġi revokata l-liċenzja. Ix-xhud qal li fit-18 ta' Settembru, 2019, il-Kap Eżekuttiv kienet infurmat lill-Kumitat li l-Bord kien aċċetta r-rakkomandazzjoni tiegħu, u l-Kumitat kien ippropona li l-Fondazzjoni appellanta tingħata terminu sabiex tirregola l-pożizzjoni tagħha. Qal li fil-laqgħa tad-29 ta' Jannar, 2020, il-Kumitat

kien iddeċieda li peress li l-Bord tal-Kummissjoni kien ser jiġi sospiż stante li din tal-aħħar kienet ser issir Awtorità, il-Kap Eżekuttiv kellha tikkomunika d-deċiżjoni lill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Ix-xhud qal li sussegwentement fil-laqgħa tal-4 ta' Marzu, 2020, il-Kumitat kien iddiskuta ittra li ntbagħtet lill-Fondazzjoni appellanta, fejn din ġiet infurmata li l-liċenzja tagħha kienet ġiet ristretta. Imbagħad fit-8 ta' April, 2020, huwa ddeċieda li kellu jiskatta l-proċess tal-awditjar stante li l-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta kienet ser tiskadi f'Jannar 2021. Irrileva li kien sar rapport minn esperti dwar l-operat tagħha, iżda l-konklużjonijiet kienu negattivi għall-aħħar. Ir-rapport imsemmi ntbagħat lill-Fondazzjoni appellanta għall-kummenti tagħha, u din kienet debitament bagħtet it-tweġiba tagħha. Ix-xhud qal li fil-15 ta' Lulju, 2021, il-Kumitat kien iddeċieda unanimament li jirrakkomanda lill-Bord sabiex il-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta tiġi revokata, u dan fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu mill-esperti. Il-Bord laqa' r-rakkomandazzjoni u d-deċiżjoni għar-revoka tal-liċenzja ġiet ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità appellata fit-2 ta' Awwissu, 2021, u r-rapport ġie ppubblikat jumejn wara.

16. Fl-affidavit tiegħu, **l-Imħallef Emeritus Noel Cuschieri** ddikjara li huwa kien ilu jokkupa l-kariga ta' *Chairman* tal-Awtorità appellata sa mill-15 ta' Marzu, 2021, u spjega li qabel din l-entità saret awtorità, hija kienet kummissjoni magħrufa bħala *National Commission for Further and Higher Education*. Irrileva li għall-ħabta ta' Ġunju jew Lulju tal-2021, l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità appellata kienet infurmatu li l-Fondazzjoni appellanta kienet ilha żmien topera mingħajr ħarsien tal-obbligi tagħha legali, partikolarment fejn kienet tidħol l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-edukazzjoni li kienet qiegħda tiġi provduta. Għalhekk l-imsemmija Kap Eżekuttiv, Dott. Rose Anne Cuschieri, kienet issuġġeriet li kellha tittieħed

deċiżjoni fil-konfront tagħha, meħud in konsiderazzjoni l-fatt li l-liċenzja kienet waslet sabiex tiskadi fil-31 ta' Lulju, 2021, u l-*External Quality Assurance Audit Report* li kien sar ftit qabel l-għeluq ta' ħames snin, kien wieħed negattiv billi l-kriterji kollha għajr għal wieħed minnhom, ma kienux intlaħqu. Ix-xhud fisser li għalhekk huwa kien ordna li l-kwistjoni tiġi diskussa fit-tul f'laqgħa tal-Bord tal-Awtorità appellata li saret fit-13 ta' Lulju, 2021. Qal li waqt il-laqgħa li għaliha kienu preżenti l-membri tal-Bord, kif ukoll il-Kap Eżekuttiv, il-Kap tas-Sezzjoni Legali tal-Awtorità appellata l-Avukat Dennis Zammit, u l-Kap tas-Sezzjoni tal-Akkreditament Lawrence Azzopardi, sabiex dawn jgħinu lill-Bord jasal għal deċiżjoni finali billi jagħtu l-informazzjoni meħtieġa. Dakinhar ġie wkoll ippreżentat rapport fattwali li kopja tiegħu kien anness mar-risposta tal-Awtorità appellata, u li kien tħejja minn Lawrence Azzopardi, u li minnu l-Bord seta' jifhem x'kienu n-nuqqasijiet tal-Fondazzjoni appellanta. Ix-xhud qal li dakinhar il-Bord kien ġie nfurmat ukoll li kien hemm xi letturi li kienu ġew nġaġġati mill-Fondazzjoni appellanta, li kienu saħansitra ġibdu l-attenzjoni li din ma kinitx qiegħda topera b'mod regolari, fosthom billi għalkemm hija kienet ingħatat liċenzja hawn Malta, ma kinitx qiegħda topera f'Malta b'ingaġġ ta' numru kbir ta' studenti minn diversi pajjiżi barranin. Qal li dan kollu kien qiegħed iseħħ mingħajr ma kienet tiġi infurmata l-Awtorità appellata u allura ad insaputa tagħha. Ix-xhud irrileva li meta kienet saret spezzjoni mill-uffiċjali tagħha fil-5 ta' Settembru, 2019, il-fond minn fejn kellha topera kien għadu saħansitra fi stat ta' kostruzzjoni. Barra minn hekk il-korsijiet offruti kellhom nuqqasijiet serji, li għalhekk kienu jmorru kontra l-interess tal-istudenti għaliex dawn wara li jkunu nvestew il-ħin u l-flus, kienu jindunaw li ma setgħux jaħdmu biċ-ċertifikat li jkun ingħatalhom. Hawnhekk huwa għamel riferiment għall-kors tal-*Orthodontics,* u dak tal-

Fiżjoterapija. Qal li b'hekk fid-9 ta' Settembru, 2019, il-Kumitat irrakkomanda li l-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta kellha tiġi revokata minħabba n-nuqqasijiet serji fl-operat tagħha, u l-Bord kien kiteb ittra intimatorja lill-Fondazzjoni appellanta, fejn wissieha li jekk in-nuqqasijiet kienu ser jippersistu, il-liċenzja tagħha kienet ser tiġi revokata. Ix-xhud qal li madankollu l-pożizzjoni tagħha ma ġietx rimedjata, u sussegwentement l-*External Quality Assurance Audit Report* kien wieħed negattiv. Irrileva li waqt l-istess laqgħa tal-Bord, kien ġie diskuss jekk il-liċenzja kellhiex tiġi revokata b'effett immedjat, jew jekk kellux jingħata żmien sakemm l-istudenti jispiċċaw il-korsijiet tagħhom. Qal iżda li ntweriet oppożizzjoni għal din l-aħħar possibilità, għaliex l-istudenti ma kienux jafu li kif jispiċċaw il-kors tagħhom huma ma setgħux jaħdmu biċ-ċertifikazzjoni li kienet ser tingħata mill-Fondazzjoni appellanta. Qal li anki ġie kkunsidrat li l-Awtorità appellata ma kellha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-Fondazzjoni appellanta, fejn din setgħet taċċetta studenti minn barra minn Malta, u dan mingħajr ma tinfurmaha, u għalhekk l-uniku mod ta' kontroll kien billi tiġi revokata l-liċenzja immedjatament. Fin-nuqqas, l-Awtorità appellata kkunsidrat li setgħet tinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħha, minkejja li kienet taf bir-rapport negattiv. Ix-xhud spjega li ġie kkunsidrat il-fatt li l-Fondazzjoni appellanta matul l-operat tagħha ta' ħames snin, kienet uriet ruħha bħala inaffidabbli għall-aħħar. Qal li madankollu, qabel xejn kienet intalbet ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat. Fil-laqgħa tal-Bord tad-29 ta' Lulju, 2021, iċ-*Chairman* ta' dak il-Kumitat informa lill-Bord li kien ġie deċiż min-naħa tal-istess Kumitat li l-liċenzja kellha tiġi revokata b'effett immedjat, u aċċenna għall-fatt li din kienet it-tieni darba li l-imsemmi Kumitat kien qiegħed jitlob għar-revoka tal-liċenzja. B'hekk il-Bord ħa deċiżjoni għar-revoka immedjata tal-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta.

17. Waqt l-udjenza tas-6 ta' April, 2022, l-appellanti ppreżentaw nota b'ħames affidavits.[21]

18. Fl-affidavit tagħha, **Joelle Sotgiu**, direttur, spjegat kif fl-2015 inħarġet liċenzja mill-Awtorità appellata sabiex il-Fondazzjoni appellanta tkun tista' topera bħala istitut ta' edukazzjoni ogħla, billi toffri korsijiet fil-livell MQA 6 u 7, u spjegat li minn dawn fil-fatt kienu ġew offruti korsijiet fil-fiżjoterapija, fil-psikoloġija, fix-xjenza dentali, u *Masters* fl-ortodonzja klinika, minn Malta, mill-Belġju, mill-Portugall, minn Spanja u mill-Iżvizzera. Qalet li fl-2021, jiġifieri wara ħames snin, l-Awtorità appellata ddeċidiet li twettaq eżerċizzju ta' verifika kif rikjest mil-liġi. Spjegat li dan kellu jsir is-sena ta' qabel, iżda dan kien ġie pospost minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u b'hekk ukoll ġiet estiża l-liċenzja għal sitt xhur oħra. Ix-xhud irrilevat li l-laqgħat kienu saru *online,* u dawn kienu ġew irrekordjati u b'hekk hija tat riassunt dwar dak li ġie mistoqsi, u kif twieġbu l-mistoqsijiet magħmula lilhom. Irrilevat li wieħed mill-membri tal-*panel,* li qalet kien jismu Pierre Dalmas, kien baqa' jinsisti fuq diversi mistoqsijiet dwar l-operat f'Malta, u dan qalet fejn il-Fondazzjoni kienet akkreditata u formalizzat l-operat tagħha permezz tas-satellita tagħha, u dan kif kienet tixhed il-korrispondenza mal-Awtorità appellata. Mill-bqija x-xhud qalet li ma saru l-ebda rimarki negattivi u saħansitra l-president tal-*panel* ferħilhom għall-operat tagħhom. Spjegat li r-rapport tal-verifika ntbagħat lill-Fondazzjoni appellanta fil-25 ta' Ġunju, 2021, għall-kummenti tagħha, u fis-7 ta' Lulju, 2021, Dott. Martin Borg kien ipprovda l-informazzjoni ulterjuri mitluba. Sadanittant fil-5 ta' Lulju, 2021, l-amministrazzjoni tal-Fondazzjoni appellanta kienet ipproċediet bit-terminazzjoni

[21] *A fol.* 29 *et seq.*

tal-impjieg ta' Dott. Fausto Gennuso bħala Kap tal-Istituzzjoni u Direttur Ġenerali minħabba raġunijiet validi u sussegwenti għar-rapport ta' verifika. Dott. Salvatore Tirone kien ġie mogħti l-inkarigu li jaħtar persuna oħra minfloku, u dan fil-15 ta' Lulju kien talab lill-Dott. Cuschieri għal-laqgħa sabiex jippreżenta l-*management* il-ġdid tal-Fondazzjoni appellanta, u anki l-pjan ta' azzjoni l-ġdid skont ir-rapport tal-verifika. Iżda fis-16 ta' Lulju, Dott. Azzopardi bħala l-konsulent legali tal-Awtorità appellata, kien irrifjuta li ssir il-laqgħa. Ix-xhud sostniet li bejn il-25 ta' Ġunju meta nħareġ ir-rapport tal-verifika, sad-data tad-deċiżjoni għar-revoka tal-liċenzja fit-30 ta' Lulju, 2021, l-Awtorità appellata qatt ma kienet ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha sabiex tirrevoka l-imsemmija liċenzja, u lanqas ipprovdiet lill-Fondazzjoni appellata żmien raġonevoli sabiex din setgħet tiddefendi l-pożizzjoni tagħha. Qalet li mir-rapport tal-verifika fejn ingħad li l-Fondazzjoni appellanta kienet se tingħata żmien sabiex tirregola ruħha, kien ġie mifhum saħansitra li din setgħet tkompli bl-operat tagħha. Ix-xhud qalet li ġurnata wara li ltaqa' l-Bord, u proprju ġurnata qabel l-estensjoni tal-liċenzja għalqet, il-Fondazzjoni appellanta kienet irċeviet ittra mingħajr data permezz ta' *email* fejn ġiet infurmatha mill-Awtorità appellata, li l-liċenzja tagħha kienet qiegħda tiġi revokata. Hija qalet li kienet imbagħad kostretta li tfisser is-sitwazzjoni lill-istudenti, u anki lill-ġenituri tagħhom, u dan fejn l-Awtorità appellata ma kinitx tat każ tal-konsegwenzi serji li sofrew l-imsemmija studenti, u anki l-familji tagħhom. Ix-xhud irrilevat li sallum huma kienu għadhom qegħdin jirċievu telefonati u *emails* jew iżommu laqgħat *online* ma' studenti u l-familji tagħhom, fejn dawn kienu qegħdin jitolbu għad-danni morali u materjali li sofrew. Fil-frattemp, dawn kienu ttentaw isibu soluzzjoni flimkien mal-Awtorità appellata, iżda din kienet ġiet irrifjutata.

19. Fl-affidavit tiegħu, **Salvatore Tirone**, direttur, spjega li huwa għamel żmien qasir minn Frar 2021 jaħdem mal-Fondazzjoni appellanta bħala konsulent dwar l-operat tagħha, liema pożizzjoni kienet ġiet offruta lilu minn Dott. Fausto Gennuso, li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' *General Manager.* Sussegwentement huwa kien ġie wkoll inkarigat jieħu ħsieb kwistjonijiet ta' taxxa, tat-taxxa fuq il-valur miżjud u tal-impjegati. Sab li kien hemm diversi nuqqasijiet, iżda qal li huma kienu għamlu minn kollox sabiex l-eżerċizzju tal-verifika jingħalaq skont il-kriterji stabbiliti. Sussegwenti għar-rapport tal-verifika, Dott. Fausto Gennuso kien tkeċċa, u x-xhud ingħata l-inkarigu tar-ristrutturar tal-Fondazzjoni appellanta sabiex din tkun tal-livell li kienu ħadmu għalih is-sidien. Huwa kien ingħata l-pożizzjoni ta' Kap tal-Iżvilupp tan-Negozju, u hawnhekk spjega x'kien wettaq f'din il-kariga. Qal li xogħlu iżda twaqqaf ħesrem mar-revoka tal-liċenzja. Flimkien mal-affidavit tiegħu, ix-xhud esebixxa diversi denunzji tat-taxxa fuq il-valur mizjud.

20. Fl-affidavit tiegħu, **Raymond Bezzina** spjega li fl-ewwel xhur tas-sena 2019, kien avviċinah ħabib tiegħu Silvio Camilleri, li qallu li ċertu Dott. Fausto Gennuso kien xtaq ikellmu dwar ir-reġistrazzjoni ta' gradwati tal-Fondazzjoni appellanta mal-CPCM. Qal li huwa ma kienx jaf wisq dwar il-Fondazzjoni appellata, iżda mingħand il-kollegi tiegħu huwa ma kienx sema' affarijiet wisq sbieħ. Madankollu huwa kien iltaqa' miegħu fl-uffiċċju tiegħu fid-Dipartiment tal-*outpatients* tal-fiżjoterapija ġewwa l-Isptar San Luqa, li tiegħu huwa kien responsabbli. Iżda għalkemm sussegwentement kien għamel diversi tentattivi sabiex jiskopri kif seta' jgħinu, huwa sab li mill-informazzjoni li kien qiegħed jingħata, ma kienx hemm mod li bih seta' jgħin lil dawn l-istudenti. Kienet ukoll talbet sabiex tiltaqa' miegħu l-President tal-Fondazzjoni appellanta, u nfurmaha li l-Fondazzjoni ma

kinitx tgawdi stima tajba fost il-kollegi tiegħu. Hija kienet talbitu għal parir dwar dak li seta' jsir, u anki jekk huwa kienx dispost li jgħinha tirristruttura l-operat. B'hekk fl-1 ta' Mejju, 2019 huwa daħal jaħdem mal-Fondazzjoni appellanta bħala *'Project Coordinator'*, u kien ġie mikri sular f'Panta House ġewwa Msida, u ġie ngaġġat kollega tiegħu Dott. Mark Sacco li kien ser jirtira fi ftit taż-żmien mill-pożizzjoni ta' Dekan tal-kors tal-fiżjoterapija fl-Università ta' Malta. Spjega kif huma kienu żaru l-*campus* ta' Lugano u anki ta' Reggio Calabria, u saret verifika nterna tagħhom. Sadanittant il-kuntratt ta' Dott. Mark Sacco kien ġie tterminat mill-Fondazzjoni appellanta, u minflok inħatar il-Professur Cisari. Ix-xhud spjega kif kienu saru diversi komunikazzjonijiet mal-Awtorità appellata, fejn intalbet sabiex tagħti gwida u assistenza, partikolarment għaliex kienet feġġet il-pandemija tal-COVID-19, iżda qal li kienu jgħaddu ġimgħat u kultant xhur qabel ma jirċievu tweġiba. Fil-frattemp ix-xhud qal li bdew jaħdmu sabiex jiġu ntrodotti korsijiet hawn Malta ta' xjenza dentali.

21. Fl-affidavit tagħha, **Manuela Sotgiu**, direttur, ikkonfermat li fl-2015 l-appellanti kienu ngħataw l-liċenzja mingħand l-Awtorità appellata sabiex jibdew joperaw bħala istitut ta' edukazzjoni ogħla li jofri korsijiet fil-livell ta' MQF 6 u 7. Spjegat li mill-korsijiet kollha li l-liċenzja kienet tkopri, kienu biss dawk tal-fiżjoterapija, tal-psikoloġija, tax-xjenza dentali u tal-*Masters* fl-ortodonzja klinikali li ġew offruti, u dan f'Malta, fil-Belġju, fil-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Iżvizzera. Qalet li l-korsijiet imsemmija ġew offruti wara li huma kienu nfurmaw lill-Awtorità appellata u ppreżentaw id-dokumentazzjoni mitluba. B'hekk din kienet tat l-awtorizzazzjoni tagħha, u saħansitra kien hemm bosta korrispondenza xhieda ta' dan il-fatt. Qalet li ġara mbagħad li fl-2021 wara ħames snin, l-Awtorità appellata wettqet eżerċizzju ta' verifika kif rikjest mil-liġi, u dan

meta kellu jsir sena qabel, imma kellu jiġi pospost minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u b'hekk ukoll ġiet estiża l-liċenzja għal sitt xhur oħra sakemm jitlesta l-imsemmi eżerċizzju. Ix-xhud spjegat li hija kienet preżenti għat-tliet laqgħat *online* li saru u li kienu ġew irrekordjati, u fissret fil-qosor kif żewġha l-mejjet Paolo Sotgiu kien stabbilixxa *Campus Ludes* ġewwa Lugano, fejn il-kors fil-baċċellerat fil-fiżjoterapija kien ilu offrut għal tlieta u għoxrin sena, u hija kienet kompliet fuq xogħlu wara l-mewt tiegħu. Hija mbagħad spjegat ukoll il-mistoqsijiet li kienu sarulhom. Enfasizzat li fl-ebda ħin ma kien hemm xi kumment negattiv min-naħa tal-*panel,* jew dwar sejbien ta' irregolaritajiet. Hija elenkat il-kummenti konklużivi taċ-*Chairman* ta' dak il-*panel,* u ddikjarat li qatt ma kienet intweriet l-intenzjoni li tiġi revokata l-liċenzja relattiva, proprju sal-ġurnata meta kitbet Dr. Cuschieri u nfurmathom b'dik ir-revoka. Min-naħa tagħhom ix-xhud qalet li huma kienu qegħdin jikkoordinaw sabiex jgħaddu l-evidenza dokumentarja lill-Awtorità appellata, u kien tkeċċa Dott. Fausto Gennuso u l-impjegati kollha li huwa kien għażel. Permezz ta' Dott. Salvatore Tirone, kien saru proċeduri sabiex jiġu ngaġġati persuni oħra, u nstab fond akbar u xieraq sabiex jiġu akkomodati l-istudenti li kellhom jaslu hawn Malta f'Ottubru 2021 għall-bidu tas-sena akkademika l-ġdida. Ix-xhud qalet li għalhekk id-deċiżjoni tar-revoka tal-liċenzja kienet waħda mhux mistennija u waħda irraġonevoli għal kollox. Hija sejħet din id-deċiżjoni sproporzjonata, u allegat li kienet ta' preġudizzju ferm għall-Fondazzjoni appellanta, li kienet għamlet investiment qawwi ġewwa Malta. Qalet ukoll li d-deċiżjoni għamlet ħsara kbira lill-istudenti li ma setgħux ikomplu jistudjaw, iżda anki lill-familji tagħhom, fejn dawn kienu qegħdin jistennew li l-liċenzja terġa' tingħata lura sabiex huma jkunu jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom. Kompliet tgħid li l-Awtorità appellata kienet uriet l-intenzjoni tagħha bejn l-2019

u l-2020 li tillimita jew tirrevoka l-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta, sakemm din ma tipprovdiex l-ispjegazzjonijiet mitluba minnha. Ix-xhud stqarret li madankollu l-Fondazzjoni appellanta dejjem wieġbet minnufih lill-Awtorità appellata, billi anki pprovdiet dokumentazzjoni ampja in sostenn tat-tweġibiet tagħha. Qalet li l-Awtorità appellata qatt ma ġiet lura titlob aktar dokumentazzjoni, u lanqas m'għamlet aktar kummenti negattivi. Ix-xhud hawnhekk fissret kronoloġikament kif żviluppaw l-affarijiet bejn il-partijiet mis-16 ta' Ottubru, 2019, meta l-Awtorità appellata uriet l-intenzjoni tagħha li tirrevoka l-liċenzja. Ix-xhud irrilevat li ma kinitx konxja tal-fatt li Dott. Fausto Gennuso kien involut fi proċeduri legali, u li huwa kien ġie mixli b'miżapproprijazzjoni ta' fondi minn università oħra, u kien biss permezz tal-gazzetti li fis-16 ta' Ottubru, 2021, hija semgħet li kienet ingħatat sentenza kontrih, u dan billi għamlet riferiment għal 'DOC MDM 13' anness mal-affidavit tagħha. Irrilevat ukoll li kien wara li sar l-eżerċizzju ta' verifika li hija saret taf li dan il-bniedem kien maħkum mill-vizzju tal-logħob, u dan mir-rendikonti bankarji li għalihom ġibdilha l-attenzjoni l-*accountant* Dott. Salvatore Tirone. Ix-xhud spjegat li l-intervista minn ġurnalist tal-programm Taljan televiżiv 'Le Iene' mal-istess Dott. Fausto Gennuso, ma kinitx ġiet trasmessa fl-imsemmi programm, u hawnhekk għamlet riferiment għal 'DOC MDM 14' sa 'DOC MDM 17' anness mal-affidavit tagħha. Għal dak li jirrigwarda l-korrispondenza bejn l-Awtorità appellata u CPCM u l-Ministeru għas-Saħħa Franċiż, ix-xhud enfażizzat li hija kienet saret taf biha biss mid-dokumenti li ġew esebiti mill-imsemmija Awtorità appellata flimkien mat-tweġiba tagħha quddiem il-Qorti. Qalet li l-ebda waħda minn dawn it-tliet entitajiet ma kienet avviċinat lill-Fondazzjoni appellanta sabiex titlob għal kjarifiki jew informazzjoni fir-rigward tal-kontenut ta' dak li kien ġie diskuss bejniethom fil-korrispondenza tagħhom bejn April u Lulju 2021. Irrilevat

li f'din il-korrispondenza ma kinitx tidher it-tweġiba ta' Dott. Christina Cristina, ir-Reġistratur ta' CPCM. Spjegat li l-CPCM kienet irrifjutat li tirreġistra magħha l-istudenti li kienu ggradwaw mill-Fondazzjoni appellanta, għaliex kien hemm kwistjoni dwar ir-rikonoxximent ta' xi ECTS *credits* li din kienet irrikonoxxiet tamite l-proċeduri RPL. Hija tirrileva li taħt il-liċenzja tagħha u bl-akkreditazzjoni tal-Awtorità appellata, il-Fondazzjoni appellanta kellha l-possibilità taħt 2005/36UE li tirreġistra l-istudenti tagħha hawn Malta u fil-pajjiżi l-oħra tal-UE. Iżda t-tweġiba ta' CPCM ma kinitx ġiet esebita, u għalhekk huma ma setgħux ikunu jafu x'kienet ir-reazzjoni tagħha. Ix-xhud tikkontendi li l-kwistjoni kollha nħolqot mill-Ministeru Franċiż, u saħansitra ġiet aċċettata mill-awtoritajiet Maltin, sabiex l-istudenti tal-fiżjoterapija tal-Fondazzjoni appellanta ma jingħatawx id-dritt li jipprattikaw il-professjoni tagħhom kif akkwistata wara l-kors tagħha li kien ġie regolarment akkreditat. Flimkien mal-affidavit tagħha, ix-xhud esebiet is-segwenti dokumenti: (a) kopja ta' ittra tal-Fondazzjoni appellanta lil NCFHE, illum l-Awtorità appellata, tal-31 ta' Ottubru, 2019[22]; (b) kopja ta' *Risk Assessment Report* tal-11 ta' Settembru, 2019[23]; (ċ) kopja ta' ittra ta' Dott. Fausto Gennuso għall-Fondazzjoni appellanta lil student[24]; (d) kopja ta' ittra tal-Fondazzjoni appellanta lil NCFHE, illum l-Awtorità appellata, tal-11 ta' Diċembru, 2019[25]; (e) kopja ta' dokument intestat *'Academic Regulations/Prospectus'* tal-Università ta' Cagliari[26]; (f) kopja ta' dokument intestat *'Curriculum'* tal-Università di Roma[27]; (ġ) kopja ta' dikjarazzjoni tal-24 ta' Settembru, 2019, magħmula mill-

---

[22] 'MDM 3' *a fol.* 62.
[23] 'MDM 4' *a fol.* 78.
[24] 'MDM 7' *a fol.* 89.
[25] 'MDM 8' *a fol.* 90.
[26] 'MDM 9' *a fol.* 92.
[27] 'MDM 10' *a fol.* 94.

Ing. Ronnie Bezzina, *Stores and Procurement Manager*[28]; (g) *curriculum vitae* ta' Dott. Fausto Gennuso[29]; (għ) kopja ta' artiklu dwar Dott. Fausto Gennuso li deher f'gazzetta Taljana[30]; (ħ) kopja ta' *email* mingħand Dott. Fausto Gennuso lil Ismaele La Vardera tad-9 ta' Marzu, 2021[31]; (h) komunikazzjoni ta' Dott. Fausto Gennuso tad-9 ta' Marzu, 2021, lil *'Redazione "Le Iene"'* u żewġ stazzjonijiet televiżivi Taljani[32]; (i) kopja ta' ittra ta' Dott. Fausto Gennuso lil Sig. La Vardera tas-16 ta' Marzu, 2021[33]; (j) komunikazzjoni ta' Dott. Fausto Gennuso lir-*'Redazione "Le Iene"'* u żewġ stazzjonijiet televiżi Taljani tas-16 ta' Marzu, 2021[34]; u (k) korrispondenza permezz ta' *emails* bejn Philip Vella bħala *'Head Mutual Recognition corordinator and EU Affairs'* tal-Fondazzjoni appellanta lil Ms. Chapus mill-*Ministère Des Solidariteés et De La Santé*.[35]

22. Fl-affidavit tiegħu, ix-xhud **Ferlito Sebastiano** spjega li huwa fil-kariga tiegħu ta' Direttur tal-Baċċellerat fix-Xjenza Dentali, u Dott. Leonardi fil-kapaċità tiegħu ta' koordinatur tal-Baċċellerat fix-Xjenza Dentali, kienu ilhom sa minn Frar 2021 fuq inkarigu tad-Direttorat, jikkoordinaw il-prattika sorveljata tal-istudenti tat-tielet sena. Irrileva li minħabba l-pandemija u anki l-*lockdown* riżultat tal-istess, huma kienu kostretti jibdew qabel xejn b'lezzjonijiet preparatorji għal dawk tal-prattika. Qal li kien imbagħad fid-19 ta' April, 2019, li l-istudenti setgħu jaslu hawn Malta, u b'hekk bdew il-lezzjonijiet ta' prattika fuq manikini taħt is-superviżjoni ta' għalliema ta' esperjenza skont id-dixxipplina partikolari. Ix-xhud

[28] 'MDM 11' *a fol.* 97.
[29] 'MDM 12' *a fol.* 101.
[30] 'MDM 13' *a fol.* 111.
[31] 'MDM 14' *a fol.* 112.
[32] 'MDM 15' *a fol.* 114.
[33] 'MDM 16' *a fol.* 116.
[34] 'MDM 17' *a fol.* 117.
[35] 'MDM 18' *a fol.* 119 *et seq.*

spjega li minn hemm imbagħad ġew organizzati l-*internships* tat-tielet sena li kellhom isiru f'kliniċi differenti minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija. Qal li dak iż-żmien huwa u Dott. Leonardi, kienu żaru l-kliniċi ġewwa Sqallija sabiex jivverifikaw jekk dawn kienux jinżammu b'mod regolari, u sabiex jistabbillixxu t-tagħlim li kienu qegħdin jirċievu l-istudenti, u jekk dawn kienux sodisfatti. Spjega li l-għan dejjem jibqa' li l-istudent huwa ċ-ċentru tal-attenzjoni, u li dan għandu jirċievi għajnuna kemm mil-lat edukattiv, u anki dak professjonali u uman. Ix-xhud qal li dawn l-*interships* kellhom jieqfu però f'Settembru, meta ġiet revokata l-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta, fejn diġà dak iż-żmien kien tfassal il-kalendarju għas-sena akkademika 2021-2022, inkluż ukoll għall-istudenti tar-raba' sena li kellha tibda fis-26 ta' Ottubru, 2021. Ix-xhud qal li ma xtaqx jgħid wisq dwar id-dannu finanzjarju u morali li sofriet il-Fondazzjoni appellanta wara ħamsa u għoxrin sena esperjenza, u dan fejn kienet magħrufa fl-Ewropa kollha. Iżda ried jaċċenna fuq il-fatt li l-istudenti kienu millum għall-għada sabu li kienu tilfu tliet snin minn ħajjithom, u li kellhom jerġgħu jibdew mill-ġdid, anki fejn il-familji tagħhom kienu għamlu bosta sagrifiċċji.

23. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2022, l-appellanti ppreżentaw nota li permezz tagħha esebew l-affidavit ta' **Dott. Martin Borg**. F'dan l-affidavit ix-xhud spjega li huwa kien ġie nkarigat bħala *External Quality Consultant* mill-Fondazzjoni appellanta, fiż-żmien li kienet qiegħda ssir l-*External Quality Audit* min-naħa tal-Awtorità appellata. Irrileva li f'dan il-proċess, l-Awtorità appellata kienet ħejjiet u ppreżentat diversi dokumenti li kienu ntalbu mingħandha mill-*panel,* iżda dan fejn saret ukoll verifika *online.* Ix-xhud qal li fl-aħħar laqgħa li saret, iċ-*Chairperson* tal-*panel* kien aċċenna kemm fuq l-elementi tajba u anki dgħajfa tal-Fondazzjoni appellanta, u l-istess xhud spjega fil-qosor x'ingħad fir-

rigward ta' dan kollu, u aċċenna fuq il-fatt li l-*panel* għaraf li l-komunità ta' letturi kienet tikkostitwixxi punt b'saħħtu tal-imsemmija Fondazzjoni appellanta, fejn ir-riżorsi u s-*support* lill-istudenti kien ta' livell għoli. Irrileva li anki ċ-*Chairperson* għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu sabiex l-operat jitjieb. Ix-xhud qal li anki hu kien tkellem waqt l-istess laqgħa, u kien esprima li huwa kien jaqbel mal-osservazzjonijiet magħmula miċ-*Chairperson.* Huwa rrileva li kien hemm differenza kbira bejn dak li ngħad fil-laqgħa u dak li ġie espress fir-rapport tal-verifika, fejn saħansitra l-kontenut ta' dan tal-aħħar ma kienx jirrifletti dak li ngħad fil-laqgħa, u dan seta' faċilment jiġi stabbilit mill-evidenza.

24. Waqt l-istess udjenza, xehed **Arthur Camilleri**, Reġistratur tal-Kunsill Mediku, prodott mill-Fondazzjoni appellanta. Ix-xhud qal li huwa kien ilu f'din il-kariga sa mis-sena 2020, u rrileva li f'Mejju 2021 kienet saret laqgħa. Huwa esebixxa kopja ta' *email*[36] li kien irċieva mingħand il-konsulent legali tal-Fondazzjoni appellanta, l-Avukat Alessandro Lia, fil-11 ta' Mejju, 2021, fejn kienet intalbet dik il-laqgħa. Esebixxa wkoll kopja ta' *email l*i huwa kien irċieva mingħand il-konsulent legali tagħha, l-Avukat Luciano Busuttil, fit-22 ta' Ġunju, 2021[37], flimkien ma' diversi dokumenti annessi, u r-risposta tiegħu tat-23 ta' Awwissu, 2021.[38]

25. Waqt l-istess udjenza, xehed ukoll **Mark Farrugia**, prodott mill-Fondazzjoni appellanta. Irrileva li sa ftit tax-xhur qabel, huwa kien membru elett tal-Kunsill ta' CPCM. Spjega li huwa kellu l-professjoni ta' fiżjoterapista, u kien ingħata l-inkarigu li jivvettja l-applikazzjonijiet ta' min xtaq jirreġistra ma' CPCM, iżda fil-

[36] 'AC1' *a fol.* 142.
[37] 'AC2' *a fol.* 144.
[38] 'AC3' *a fol.* 207.

każ tal-istudenti tal-Fondazzjoni appellanta, dawn ma ssodisfawx ir-rekwiżiti tal-fiżjoterapija. Huwa semma bħala fattur partikolari t-tul tal-kors, li qal li kien wieħed qasir. Spjega li anki l-*portfolio* li l-istudenti kienu jgħaddulhom, kien jikkonsisti f'sempliċi dokument A4 ittimbrat mill-Fondazzjoni appellanta, fejn kien hemm indikat biss is-sigħat li jkunu ħaddmu, l-indirizzi u d-dati. Ix-xhud qal li bosta drabi l-applikazzjonijiet tal-istudenti għal reġistrazzjoni kienu jaslu għandhom permezz ta' *email* minħabba li kien żmien il-pandemija. In kontro-eżami x-xhud stqarr li CPCM ma tkunx involuta fil-ħruġ u fir-revoka ta' liċenzja lill-istituzzjoni edukattiva.

26. Waqt l-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2022, xehed **Arthur Camilleri**, riprodott mill-appellanti. Ix-xhud esebixxa estratti mill-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Mediku fejn issemmiet il-Fondazzjoni appellanta.[39] Spjega li min-naħa tal-Kunsill Mediku ma kienx hemm approvazzjoni, u għalhekk student tal-Fondazzjoni appellanta ma setax jipprattika ta' dentist.

27. Waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2023, xehdet **Dott. Rose Anne Cuschieri**, prodotta mill-appellanti. Ix-xhud esebiet kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tas-26 ta' Lulju, 2021, u dawk tal-laqgħa tal-Bord tad-29 ta' Lulju, 2021.[40]

28. Waqt l-istess udjenza, xehed **Dott. Achim Hopbach**, prodott mill-appellanti. Ix-xhud spjega li huwa kien ġie nominat bħala wieħed mill-*panel* li wettaq verifika tal-kwalità u tal-operat tal-Fondazzjoni appellanta.

[39] 'Dok. AC4' *a fol.* 225.
[40] 'Dok. RC1' *a fol.* 237.

29. Waqt l-udjenza tal-21 ta' April, 2023, l-Awtorità appellata ppreżentat nota li permezz tagħha esebiet kopja ta' *email* mibgħuta minn Dott. Salvatore Tirone lil Dott. Rose Anne Cuschieri.[41]

30. Waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2023, xehed **Dott. Salvatore Tirone**, prodott in kontro-eżami mill-Awtorità appellata. Spjega li huwa kien ħadem bħala konsulent mal-Fondazzjoni appellata minn Marzu sa Lulju tas-sena 2021, wara li kien għażlu għal din il-kariga Dott. Gennuso. Spjega li huwa sab li kien hemm problemi kemm interni, kif ukoll esterni, bħal per eżempju dawk mal-Awtorità appellata, il-Bord Mediku u CPCM, u li dawn huwa seta' jattribwihom lil Dott. Gennuso għal diversi raġunijiet. Ikkonferma li l-eżerċizzju tal-verifika sar f'Mejju wara li huwa kien daħal jaħdem mal-Fondazzjoni appellanta. Huwa ma kienx tkellem ma' Dott. Gennuso dwar il-problemi li kien hemm fir-rigward tal-liċenzja, iżda kien fehem li kien hemm xi problemi, u dan ikkonfermah iktar tard meta ġew id-dokumenti f'idejh. Ix-xhud ikkonferma li għalhekk il-kwistjoni kienet ilha ġejja mill-2019/2020. Spjega li huwa kien impjega nies ġodda minflok l-impjegati li kien hemm meta ġie ngaġġat hu, għaliex kien jippreferi li madwaru jkollu tnejn jew tliet min-nies li huwa kien jafda, imma huwa kien ħalla f'posthom lill-professuri ġaladarba l-eżamijiet tal-istudenti kienu qrib. Huwa spjega li kien sab ukoll post ieħor minn fejn il-Fondazzjoni appellanta kellha topera, għaliex fil-fehma tiegħu dan kellu jirrifletti l-livell li kien qiegħed jiġi offrut. Huwa ammetta li kien sab ħafna problemi, iżda kien jistenna proċedura ulterjuri qabel ma l-vertenza tispiċċa quddiem il-Qorti. Muri d-dokument esebit *a fol.* 252 u mmarkat 'Dok ST1', ix-xhud ikkonferma li l-*email* kien kitibha huwa f'tentattiv tal-aħħar,

[41] 'Dok. ST1' a *fol.* 252.

saħansitra wara li l-Awtorità appellata kienet ħadet id-deċiżjoni tagħha li tirrevoka tal-liċenzja.

31. Waqt l-istess udjenza, xehed **Philip Vella**, prodott mill-Awtorità appellata. Ix-xhud spjega li r-rwol tiegħu huwa dak ta' *Mutual Recognition Co-ordinator,* fejn kellu jara li l-'*Professional Qualification Directive'* kienet qiegħda tiġi implimentata sewwa mill-awtoritajiet kompetenti u l-ministeri responsabbli għal xi professjoni regolata jew oħra, fejn f'Malta kien hawn madwar mija u erbgħin professjoni. Huwa kien ukoll inkarigat li jiċċirkola l-informazzjoni li jirċievi mill-Kummissjoni Ewropea u s-sentenzi tal-Qrati, sabiex l-awtoritajiet kompetenti jsegwuhom. Qal li wkoll huwa kien tenut jgħaddi statistika u rapporti regolarment lill-Kummissjoni Ewropea skont id-Direttiva partikolari. Ix-xhud fisser id-differenza bejn kwalifika akkademika u kwalifika professjonali, u rrileva li f'Malta kien il-Kunsill Mediku biss li seta' joħroġ kwalifika professjonali ta' tabib tal-mediċina u dentist. Irrileva wkoll li fil-każ tal-fiżjoterapija, kienet CPCM biss li setgħet toħroġ ir-reġistrazzjoni. Qal li fil-każ tad-dentistrija hemm rikonoxximent awtomatiku jekk l-istudent ikun studja fl-Unjoni Ewropea f'waħda minn dawk l-istituzzjonijiet elenkati fl-Annex numru ħamsa tad-Direttiva. Muri 'Dok. MFH 7' anness mat-tweġiba tal-Awtorità appellata, ix-xhud qal li ħadd ma jista' jagħti ċ-ċertezza tal-prattika għajr il-Kunsill Mediku fil-każ ta' Malta, fejn huwa l-awtorità kompetenti. In kontro-eżami ix-xhud spjega li jispetta lill-istudent li qabel ma jibda kors ta' studju, li jaċċerta ruħu mal-awtorità kompetenti jekk din tirrikonoxxix l-imsemmi kors billi toħroġ il-kwalifika professjonali.

32. Waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2023, xehdet **Emanuela Sotgiu**, prodotta in kontro-eżami mill-Awtorità appellata. Qalet li l-ewwel kors ta' studju li ġie offrut

mill-Fondazzjoni appellanta f'Malta kien fis-sena 2017. Spjegat li Dott. Fausto Gennuso kien tkeċċa fil-5 ta' Lulju, 2021, l-liċenzja ġiet revokata fil-31 ta' Lulju, 2021, u dan hekk kif Dott. Tirone kien irriżultalu li l-istess Dott. Fausto Gennuso kien uża l-karta tal-kreditu tal-Fondazzjoni appellanta għal-logħob *online,* u anki f'*casino* hawn Malta. Irrilevat li l-Fondazzjoni appellanta kienet ġiet imwissija fl-2019, u anki fil-bidu tal-2020 sabiex tirregola ruħha, u fin-nuqqas kienet ser tiġi ristretta l-liċenzja tagħha. Spjegat li wara li huma kienu għamlu kuntatt ma' CPCM, fejn ippreżentaw il-programm tal-kors flimkien ma' bosta dettalji oħra, u qalulhom li huma kienu lesti li jilqgħu kull suġġeriment kif l-imsemmi programm setgħu jammeljorawh. Min-naħa tagħhom CPCM assigurawhom li meta l-istudenti tagħhom jiggradwaw, huma ser ikunu f'pożizzjoni li jagħmlu talba sabiex jitqiesu eliġibbli, u b'hekk tiġi segwita l-proċedura appożita. Ix-xhud ikkonfermat li kien hemm studenti li fil-fatt kienu ġew rikonoxxuti minn CPCM.

33. Waqt l-istess udjenza, xehed **Raymond Bezzina**, prodott in kontro-eżami mill-Awtorità appellata. Huwa spjega li l-professjoni tiegħu kienet dik ta' fiżjoterapista, u għalkemm pensjonant, huwa kien ilu jaħdem tlieta u erbgħin sena, u kellu esperjenza kbira tat-tagħlim tal-istudenti, u reġistrazzjoni ma' CPCM. Irrileva li meta Dott. Fausto Gennuso kien mar għandu għall-għajnuna, huwa ma kellu l-ebda ħjiel ta' dak li kien ser ikellmu dwaru. Ix-xhud qal li jaħseb li Manuela Sotgiu kienet taf bil-problemi li kien hemm sabiex l-istudenti jirreġistraw ruħhom ma' CPCM, u kien għalhekk li offrielha tliet soluzzjonijiet għall-problema li kellha. Qal li huwa hawnhekk kien tkellem wara li kkunsidra l-kors tal-fiżjoterapija, għaliex ma kienx konxju tal-fatt li l-Fondazzjoni appellanta kienet toffri wkoll korsijiet oħra bħad-dentistrija. Ikkonferma li huwa kien beda jaħdem mal-Fondazzjoni appellata għal nofs is-sena 2019, u l-eżerċizzju ta'

verifika sar is-sena ta' wara. Spjega li l-*curriculum* tal-kors tal-fiżjoterapija kellu jinħadem skont l-Awtorità appellata fuq erba' snin, jiġifieri sittin ECTS, iżda huwa sab li dan ma kienx sar, u għalhekk CPCM ma setgħetx tirreġistra l-istudenti magħha. Ix-xhud irrileva li l-Fondazzjoni appellanta kellha *campuses* oħrajn f'Reggio Calabria, l-Iżvizzera u l-Belġju, iżda l-liċenzja kienet ħarġet minn Malta, u mingħajr din il-liċenzja ma seta' jsir l-ebda operat fil-pajjiżi l-oħra. Hekk kif imbagħad tingħata l-liċenzja minn Malta, ix-xhud irrileva li jkun hemm bżonn ukoll il-permess tal-awtorità tal-pajjiż terz. Huwa rrileva li madankollu kien hemm diżgwid bejn il-partijiet fuq din il-kwistjoni, għaliex l-Awtorità appellata ma rieditx lill-Fondazzjoni appellanta topera barra. Qal li huma kienu daħlu f'diskussjonijiet bejniethom, fejn l-Awtorità appellata dejjem baqgħet tinsisti li qatt ma sar kors tal-fiżjoterapija hawn Malta. Ix-xhud spjega li sabiex wieħed joffri kors bħal dan kif għandu jkun, saru investimenti mil-lat professjonali u anki fir-riżorsi umani, imma hekk kif kienu ser jiġu l-ewwel studenti f'Malta, qal li kienet faqqgħet il-pandemija. Ix-xhud iddikjara li kien hemm evidenza ta' dan, fejn l-istudenti saħansitra kellhom il-biljetti mħallsa u l-akkomodazzjoni wkoll, iżda l-kors ma seħħx. Huwa spjega li parti mix-xogħol tiegħu kien jinvolvi l-koordinament tal-*campus,* inkluż li jiżdiedu l-kmamar. Qal li huwa kien involva ruħu fil-kors tad-dentistrija meta ġie deċiż li l-istudenti kienu ser jiġu jkomplu l-kors tagħhom f'Malta, u għalhekk il-Fondazzjoni appellanta ddeċidiet li tinvesti fl-apparat, eċċ. In ri-eżami x-xhud spjega li hekk kif il-pandemija bdiet tbatti, kienet intalbet mingħand il-Profs. Charmaine Gauci direzzjoni dwar kif għandhom jaħdmu mal-istudenti. Irrileva li meta talbu għal direzzjoni mingħand l-Awtorità appellata, din damet ix-xhur qabel ma wieġbet. Stqarr li huwa kien jemmen li kwalunkwe istituzzjoni regolatorja għandha tgħin lill-istituzzjonijiet fejn dawn isibu diffikoltà.

Ikkonferma li mill-2019 kien sar investiment qawwi fl-operat tal-Fondazzjoni appellanta.

34. Waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023, xehed **il-Prof Achim Hopbach** in kontro-eżami. B'riferiment għar-rapport ta' verifika esebit bħala 'Doc UCM 2', ix-xhud ikkonferma li l-i*standards* applikati fl-eżerċizzju ta' verifika u f'eżerċizzji oħrajn ta' verifika kienu dawk skont l-ESG *Standards Part 1.* Ikkonferma li waqt l-eżerċizzju ta' verifika, kien hemm problema konsiderevoli bil-fatt li d-dokumenti li ntalbu ma kienux ingħataw.

35. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2024, xehed **Lawrence Azzopardi**, prodott mill-Awtorità appellata. Ix-xhud irrileva li huwa kellu l-kariga ta' kap tal-*Accreditation Quality Assurance and Validation Unit* fi ħdan l-Awtorità appellata, u spjega li l-imsemmi *Unit* huwa responsabbli għall-għoti u l-ħruġ ta' liċenzji u anki għall-eżerċizzji ta' verifika li jsiru fir-rigward tal-istituzzjonijiet li jkunu ġew sussegwentement liċenzjati. Ix-xhud spjega li għal dan il-għan, kienu jiġu segwiti l-*European Standard Guidelines* billi Malta kienet firmatarja tal-*Bologna Process* u tagħmel parti mill-*European Higher Education Area.* Irrileva li hemm *manual* ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità appellata, li permezz tiegħu l-istituzzjonijiet kienu jafu x'kienu l-proċeduri li permezz tagħhom kellu jsir l-assessjar tagħhom min-naħa tal-istess Awtorità appellata, u kien iservi wkoll bħala gwida għall-*panel* li jwettaq l-eżerċizzju ta' verifika fejn dan kellu jagħti ġudizzju fuq kull *standard.* Spjega li meta jħejji r-rapport tiegħu, il-*panel* jgħaddih lill-*Quality Assurance Committee*, u dan wara li jitlob lill-istituzzjoni partikolari sabiex tikkonferma jekk kienx hemm xi ineżattezzi fattwali. Minn hemm ix-xhud spjega li l-Kumitat jgħaddi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Bord tal-Awtorità

appellata, jiġifieri jekk il-liċenzja kellhiex tiġġedded għal ħames snin oħra. Huwa spjega li fl-ewwel laqgħa li huwa kien attenda, qamet il-kwistjoni partikolari li l-Fondazzjoni appellanta kienet qiegħda topera minn ċentri oħra barra minn Malta, u dawn l-Awtorità appellata ma kinitx konxja tagħhom. Qal li kwistjoni oħra partikolari kienet li f'Malta prattikament ma kien qiegħed isir l-ebda tagħlim jew attività pedagoġika. In kontro-eżami x-xhud iddikjara li dan ma kienx fi żmien il-pandemija. Spjega li huwa kien mar għamel *spot-check* fis-sena 2019, u anki kienu saru *spot-checks* mill-predeċessuri tiegħu fejn ukoll kien instab li ma kien hemm l-ebda attività. Qal li kienu ntbagħtu ittri dwar dan il-fatt. Ix-xhud ikkonferma li fir-rapport tal-verifika ma kienet saret l-ebda rakkomandazzjoni li l-liċenzja tiġi revokata, u r-rakkomandazzjoni inħarġet mingħand il-Kumitat.

36. Waqt l-istess udjenza, xehed **Dott. Martin Borg**, prodott in kontro-eżami mill-Awtorità appellata. Stqarr li llum xogħlu kien ta' konsulent dwar l-edukazzjoni u t-tħarriġ fir-rigward ta' edukazzjoni ogħla, iżda qal li fis-sena 2017 huwa kien Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni appellanta, fejn kien ukoll għamel żmien bħala direttur qabel ma rriżenja. Irrileva li fis-*self-assessment report* li kien involut fih huwa stess, kien ġie dikjarat li kien hemm bżonn li jsir titjib fl-operat sabiex il-Fondazzjoni appellanta tilħaq ċerti kriterji ta' kwalità. Qal li fil-fatt kien hemm numru ta' komunikazzjonijiet ċari min-naħa tal-Awtorità appellata.

37. Waqt l-udjenza tat-28 ta' Frar, 2024, xehed **l-Imħallef Emeritu Dott. Noel Cuschieri**, prodott mill-Awtorità appellata. Ix-xhud stqarr li huwa kien ħa l-kariga tiegħu ta' *Chairperson* mal-Awtorità appellata f'Marzu, 2020. Spjega li l-kwistjoni fir-rigward tal-Fondazzjoni appellanta kienet ilha ta' inkwiet għalihom, u fl-aħħar kienet ittieħdet id-deċiżjoni li għandha ssir laqgħa sabiex din tiġi diskussa. Ix-xhud

qal li għal dawk il-ħames snin minn meta ħadet il-liċenzja tagħha, sakemm sar l-*external quality assurance report,* irriżulta li l-Fondazzjoni appellanta kienet naqset milli tottempora ruħha mal-obbligazzjonijiet tagħha f'Malta. Qal li anki saru jafu li kienet qiegħda taċċetta studenti minn barra, u kienet qiegħda topera barra minn Malta wkoll, u dan kien ifisser li l-Awtorità appellata ma kellha l-ebda kontroll fuq dak li kien qiegħed jiġri barra. Dan wara li huma kienu rċevew ilmenti min-naħa ta' xi studenti u minn xi ambaxxati. Ix-xhud qal li sadanittant kien sar ir-rapport mill-Kumitat li xogħlu huwa li jassigura li l-edukazzjoni li tingħata hija ta' kwalità tajba, u għal dan il-għan huwa jista' jagħżel li jqabbad esperti fil-materja. Irrileva li fil-każ odjern, il-Fondazzjoni appellata kienet weħlet minn kull *standard* applikabbli, għajr wieħed. Ix-xhud qal li fuq parir tal-avukat tal-Awtorità appellata, ġie deċiż li l-Bord kellu jimxi skont ir-Regolament 38, b'dana li d-deċiżjoni tar-revoka ma ttieħditx dakinhar tal-laqgħa msemmija, għaliex dan bagħat kollox lill-Kumitat għar-rakkomandazzjoni tiegħu peress li kien hu l-espert fil-materja. Għalhekk imbagħad saret laqgħa oħra fid-29 ta' Lulju, 2021, fejn iċ-*Chairman* tal-Kumitat infurmahom li għat-tieni darba dan kien qiegħed jirrakkomanda bil-qawwa kollha li tiġi revokata l-liċenzja tal-Fondazzjoni appellanta. Qal li r-rakkomandazzjoni ġiet addottata fl-interess tal-istudenti prospettivi, iżda anki ta' dawk l-istudenti li kien hemm diġà. Spjega li ġie deċiż li d-deċiżjoni kellha tkun waħda immedjata għal tliet raġunijiet: (a) il-Fondazzjoni appellanta kienet qiegħda topera barra minn Malta meta l-kundizzjonijiet tal-liċenzja f'Malta ma kienux ġew sodisfatti; (b) il-kors ta' dentistrija ma kienx ta' livell għoli biżżejjed sabiex l-istudenti setgħu jaħdmu ta' dentisti hekk kif jiggradwaw; (ċ) ma seta' kien hemm l-ebda kontroll fuq dak li kien qiegħed isir barra minn Malta. Ix-xhud qal li madankollu huma xorta waħda kienu daħlu

f'diskussjonijiet mal-Fondazzjoni appellanta għaliex kien għad hemm studenti li kienu qegħdin isegwu l-kors tagħhom. Qal li madankollu l-partijiet fl-aħħar mill-aħħar spiċċaw fi proċeduri legali. Iddikjara li huma dejjem kienu disponibbli li jirranġaw b'xi mod, iżda fuq il-kwistjoni tal-kors tad-dentistrija ma waslux, għaliex min-naħa tagħha l-Awtorità appellata ma setgħetx tippermetti li l-istudenti tad-dentistrija wara li jispiċċaw il-kors tagħhom isibu li ma setgħux jaħdmu ta' dentisti kif kien imwiegħed. In kontro-eżami x-xhud sostna li kien hemm trattattivi li saru bi skop ta' tranżazzjoni, fejn huma ġew infurmati li l-*management* kien ser jinbidel u l-operat kellu jsir mod ieħor. Qal li madankollu kellhom jitqiesu żewġ kwistjonijiet.  Waħda minnhom kienet li din il-wegħda kienet diġà saret fl-2019, meta l-Kumitat kien irrakkomanda li l-liċenzja tiġi revokata, imma ċ-*Chairman* tal-Bord ta' dak iż-żmien ta lill-Fondazzjoni appellanta ċans ieħor, billi kien qalilhom wkoll x'kien hemm bżonn li jsir u li ma jsirx, imma din baqgħet inadempjenti. Dwar il-kwistjoni l-oħra fir-rigward tal-kors tad-dentistrija, ix-xhud qal li din ma setgħetx tissolva anki minħabba l-fatt li l-prattika ssir fi sptar ta' tagħlim skont kif mitlub ukoll mid-Direttiva tal-UE tal-2005, u ma kienx qiegħed isir hekk. Madankollu min-naħa tal-Awtorità appellata kien ġie ssuġġeriet li fejn ma setgħetx tinstab soluzzjoni, l-Fondazzjoni appellanta setgħet tapplika mill-ġdid għal korsijiet oħra li ma kienux jinvolvu s-saħħa tal-bniedem. Dwar il-*quality assurance report,* ix-xhud qal li x-xogħol tal-*panel* ma kienx li jirrakkomanda r-revoka tal-liċenzja, liema rakkomandazzjoni eventwalment saret mill-Kumitat. Ix-xhud qal li din kienet it-tieni darba li saret din ir-rakkomandazzjoni, u l-Bord imbagħad kien kostrett li jirrevoka. Filwaqt li x-xhud qal li kienu saru diversi verifiki qabel ma saret dik ta' kull ħames snin, ikkonferma li fl-2019 il-Kumitat fi ħdan l-Awtorità appellata kien widdeb lill-Fondazzjoni appellanta li huwa kien

qiegħed jikkunsidra li jirrevoka l-liċenzja, u għalhekk staqsieha sabiex twieġeb għal dan. Spjega li meta eventwalment ġiet revokata l-liċenzja, proprju jumejn qabel ma din kienet ser tiskadi, kien ġie kkunsidrat li l-Fondazzjoni appellanta ma kinitx affidabbli ġaladarba matul ħames snin sħaħ din ma kinitx ħadet il-passi sabiex tottempora ruħha mal-obbligi tagħha. Ma' dan ġie kkunsidrat ukoll li kien ġie a konjizzjoni tagħhom il-fatt li hija kienet qiegħda topera barra minn Malta, iżda mhux f'Malta, u kienu qegħdin jirċievu lmenti minn barra minn Malta. Qal li ġie kkunsidrat ukoll li jekk il-liċenzja tiġi estiża, ma kienx ser ikun hemm kontroll fuq il-fatt li din setgħet taċċetta studenti oħra. Mistoqsi dwar il-fatt li fl-2019 kienet feġġet il-pandemija, ix-xhud sostna li madankollu l-Fondazzjoni appellanta setgħet ħadet passi qabel.

38. Waqt l-udjenza tat-12 ta' April, 2024, xehed **Lawrence Azzopardi**, prodott in kontro-eżami mill-appellanti. Ix-xhud iddikjara li huwa ġie maħtur bħala membru tal-Kummissjoni f'Diċembru 2019, jiġifieri wara li l-Fondazzjoni appellanta kienet irċeviet twiddiba dwar il-possibilità tar-revoka tal-liċenzja tagħha. Spjega kif ftit jiem qabel, huwa kien ġie mitlub ikun preżenti waqt laqgħa li saret f'Novembru mal-Fondazzjoni appellanta, li kienet rappreżentata minn Dott. Fausto Gennuso u Dott. Martin Borg. Qal li wara dakinhar baqgħu jirċievu diversi allegazzjonijiet u lmenti min-naħa ta' xi studenti, liema allegazzjonijiet u lmenti kienu qegħdin jiġu nvestigati mill-Awtorità appellata. Spjega li l-eżerċizzju ta' verifika skont il-liġi kellu jsir fl-2020, iżda kien hemm xi dokumentazzjoni li ma daħlitx fil-ħin u oħra li ma kinitx tiswa. Irrileva li kienet feġġet wkoll il-pandemija, u għalhekk kulħadd kellu jara kif se jadatta ruħu. Għal dak li jirrigwarda r-rakkomandazzjonijiet li kienu saru fl-2019, ix-xhud qal li kien hemm ittra li kien kiteb iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni ta' dak iż-żmien Godfrey Vella. Spjega li l-

Kummissjoni kienet iddeċiediet dwar ir-revoka, wara li kkunsidrat ir-rapport tal-verifika u anki dak kollu li kien ġara minn meta l-Fondazzjoni appellanta kienet ingħatat il-liċenzja tagħha sabiex topera. Kien imbagħad li l-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni għar-revoka tal-imsemmija liċenzja.

39. Waqt l-istess udjenza, xehdet **Dott. Rose Anne Cuschieri**, prodotta in kontro-eżami mill-appellanti. Ix-xhud spjegat li l-proċess li wassal għar-revoka tal-liċenzja kien wieħed twil ħafna, u rrilevat li hija kienet fil-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-Awtorità appellata sa mill-2018. Wara l-ewwel ittra tagħhom fl-2019, qalet li l-imsemmija Awtorità appellata kienet baqgħet issegwi l-każ, u kienu saru diversi laqgħat, u min-naħa tal-Fondazzjoni appellanta kienu saru ħafna wegħdiet li sussegwentement mir-rapport tal-verifika ntwera li ma kienux ġew imwettqa. Qalet li bilkemm l-affarijiet ma kienux marra għall-agħar.

40. Waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2024, xehed **Dott. Kenneth Vella**, prodott in kontro-eżami mill-appellanti. Spjega li qabel l-2019 meta daħal fil-kariga ta' *Chairman* tal-Kumitat, huwa kien fil-kariga ta' Viċi-*Chairman.* Qal li d-diskussjonijiet fir-rigward tal-Fondazzjoni appellanta kienu regolari u kontinwi f'kull laqgħa tal-Kumitat. Ikkonferma li kienu ġew ikkonstatati mill-Kumitat problemi fil-kwalità tal-letturi mpjegati mill-Fondazzjoni appellata, u anki kienu qegħdin jaslu diversi lmenti mill-istudenti dwar is-servizzi li kienu qegħdin jiġu pprovduti, partikolarment dwar il-faċilitajiet a dispożizzjoni tal-letturi. Ix-xhud spjega li l-korsijiet kienu ġew akkreditati mill-Awtorità appellata qabel ma kienu ġew offruti. Ix-xhud esebixxa kopja ta' ittra li l-Kumitat bagħat liċ-*Chairman* tal-Awtorità appellata, fejn ġiet irrakkomandat għall-ewwel darba r-revoka tal-

liċenzja.[42] Ikkonferma li meta sar l-eżerċizzju tal-verifika, il-Fondazzjoni appellanta falliet fi ħdax minn tnax-il *standard,* u dawn qal li kienu kollha kritiċi. Ix-xhud qal li huma tassew taw lill-Fondazzjoni appellanta bosta opportunitajiet sabiex jameljoraw is-sitwazzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

41. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, u dan fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Awtorità appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmulin minnha fir-risposta tagħha.

42. L-ewwel kwistjoni li jissollevaw l-appellanti, huma jgħidu li din tittratta appell fuq il-mertu. Jagħmlu riferiment għar-regolament 14 tal-L.S. 607.03, filwaqt li jissottomettu li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, li d-deċiżjoni tar-revoka tal-liċenzja in kwistjoni setgħet biss tittieħed skont waħda mir-raġunijiet hemmhekk imfissra. Jikkontendu li madankollu l-Awtorità appellata kienet naqset milli tindika liema raġuni hija kienet qiegħda tistrieħ fuqha għad-deċiżjoni tagħha dwar ir-revoka tal-liċenzja. Jissottomettu li l-komunikazzjoni li ntbagħtet mill-Awtorità appellata, tagħmel biss riferiment għal *'serious shortcomings'* riżultanti mir-rapport tal-verifika. Dwar il-mertu, l-appellanti jsostnu li n-nuqqasijiet tal-Fondazzjoni appellanta kif imfissra fl-imsemmi rapport, ma kienux daqstant gravi kif jirriżulta mill-komunikazzjoni ta' Dott. Achim Hopbach, *Chairperson* tal-*panel* li wettaq il-verifika. Jgħidu li fir-rapport ukoll hija kienet ingħatat żmien sabiex tissana diversi nuqqasijiet, u dan f'terminu li kien imur oltre d-data tal-iskadenza tal-liċenzja tagħha. Għalhekk

[42] 'Dok. KCC1' *a fol.* 360.

jikkontendu li huma ngħataw l-impressjoni li l-liċenzja kienet sejra tiġġedded, u b'hekk tingħata l-opportunità sabiex jiġu ndirizzati n-nuqqasijiet lamentati, kif fil-fatt ġara. Jikkontendu li fir-rapport ma kien hemm xejn x'jindika li n-nuqqasijiet kienu kkunsidrati tant serji li kienu ser iwasslu għar-revoka tal-liċenzja in kwistjoni. L-appellanti għalhekk isostnu li d-deċiżjoni appellata kienet tistrieħ fuq konstatazzjonijiet ħżiena. Dwar it-tieni kwistjoni li l-appellanti jqajmu fir-rikors tal-appell tagħhom, huma jispjegaw li hekk kif liċenzja tiġi revokata *ai termini* tar-regolament 14 tal-L.S. 607.03, għandhom jitħarsu d-dispożizzjonijiet tas-subinċiż (2) li huma ferm ċari dwar l-proċedura li għandha tiġi segwita għar-revoka ta' liċenzja. Isostnu li madankollu l-Awtorità appellata ma segwietx l-imsemmija dispożizzjonijiet, u dan bi preġudizzju għalihom minħabba t-telf finanzjarju li sofrew. L-appellanti jagħlqu billi jissottomettu li anki jekk isir l-argument li m'hemm l-ebda appell fuq il-mertu dwar deċiżjoni għar-revoka ta' liċenzja, l-Awtorità appellata kellha timxi mal-proċedura stabbilita fis-subregolament 14(2) tal-L.S. 607.03.

43. L-Awtorità appellata tammetti li tassew hekk kif inbidlet il-liġi, u hija ma baqgħetx aktar regolata permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 327, iżda tal-Kap. 607, il-L.S. 607.03 baqgħet tagħmel riferiment għall-Kap. 327. Iżda tgħid li mkien fil-korrispondenza li jagħmlu riferiment għaliha l-appellanti, ma kien hemm indikat li l-appell tagħhom kellu jsir taħt is-sub-artikolu 20(11) tal-Kap. 327. Tissottometti li madankollu hija ma kienet qiegħda ssib l-ebda oġġezzjoni li l-każ jinstema' u jiġi deċiż ukoll fil-mertu. L-Awtorità appellata mbagħad tgħaddi sabiex tindirizza l-ewwel punt li jissollevaw l-appellanti, u tissottometti li pjuttost dan jindirizza punt legali milli wieħed dwar il-mertu. Tgħid li hija ma taqbilx mal-argument tagħhom li l-liċenzja in kwistjoni setgħet biss tiġi revokata taħt ir-

regolament 14 tal-L.S. 607.03, u saħansitra kif jidher fid-dokument 'Dok MFH 3' anness mat-tweġiba tagħha, hija kienet infurmathom li d-deċiżjoni tagħha kienet tistrieħ fuq is-subregolament 38(2) tal-L.S. 607.03. L-Awtorità appellata tissottometti li dawn iż-żewġ regolamenti huma distinti u separati, u jikkunsidraw ċirkostanzi differenti. Tgħid li huwa biss fit-tieni wieħed li l-liġi tagħtiha d-diskrezzjoni tirrevokax jew le l-liċenzja in kwistjoni, mingħajr ma jindika l-proċess dwar kif dan għandu jsir. Dwar il-punti li l-appellanti kienu qegħdin jagħmlu fuq il-mertu, l-Awtorità appellata wieġbet kif ġej: (1) mhux minnu li r-revoka tal-liċenzja kellha ssir *ai termini* tar-regolament 14 tal-L.S. 607.03 kif diġà spjegat aktar 'il fuq; (2) barra minn hekk ma kienx minnu li hija ma ndikatx il-bażi legali tad-deċiżjoni tagħha għar-revoka tal-liċenzja in kwistjoni; (3) l-appellanti jikkontendu li skont il-komunikazzjoni ta' Dott. Achim Hopbach, *Chairperson* tal-*panel* li kiteb ir-rapport tal-verifika, in-nuqqasijiet ikkonstatati ma kienux serji, iżda din tikkostitwixxi biss parti mill-proċess tal-eżerċizzju tal-verifika fejn jingħad li *'this is not the final decision because the Committee will now start the draft report";* (4) din ma kinitx l-ewwel darba li hija kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Fondazzjoni appellata għad-diversi nuqqasijiet tagħha, saħansitra fl-2019 u sussegwentement fl-2020, u din kienet dejjem twiegħed li l-affarijiet ser jinbidlu, li kien ser jinbidel il-*management,* u li kollox ser jkun kif għandu jkun; (5) kien hemm problemi fit-tmexxija u fil-livell tal-edukazzjoni , iżda wkoll problemi oħra fil-mod li l-Fondazzjoni appellanta kienet qiegħda tirreklama l-programmi tagħha fid-dentistrija u fil-fiżjoterapija li ma kinux iwasslu b'mod awtomatika għall-*warrant; u* (6) il-kalkolu tad-danni mhuwiex sostanzjat bi spjegazzjoni ta' kif l-appellanti waslu għaċ-ċifra indikata minnhom.

44. Il-Qorti tikkunsidra li jirriżulta tassew mill-kopja tal-ittra ta' kjarifika tad-9 ta' Awwissu, 2021[43], li d-deċiżjoni għar-revoka tal-liċenzja tagħha kienet saret a tenur tar-regolament 38 tal-L.S. 607.03, iżda wkoll sussegwenti għall-eżerċizzju ta' verifika li kien appena sar. Għaldaqstant mhumiex rilevanti l-argumenti tal-appellanti miġjuba taħt ir-regolament 14 tal-istess liġi sussidjarja.

45. Il-Qorti tagħraf li skont is-subregolament 49 tal-L.S. 607.03, l-ebda appell ma jista' jsir dwar il-mertu, u fi kwalunkwe każ ieħor, dan għandu jsir fi żmien għoxrin (20) jum mid-data li fiha d-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-provditur, fil-każ odjern lill-Fondazzjoni appellanta. Tirrileva li l-appell odjern mingħajr dubju ġie ntavolat ferm wara t-terminu preskritt mil-liġi, għaliex bejn l-ittra ta' kjarifika suriferita tad-9 ta' Awwissu, 2021, u l-preżentata tal-imsemmi appell fl-24 ta' Settembru, 2021, għaddew iktar minn għoxrin (20) jum. Għalhekk il-Qorti tgħid li mhux biss il-kumplament tal-appell odjern huwa inammissibbli stante li jolqot il-mertu, iżda wkoll dan sar wara l-iskadenza tat-terminu akkordat mil-liġi għall-preżentata ta' appell.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-appell odjern irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

[43] 'Dok. MFH 3' a *fol.* 85.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**